32000R0007

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 7/2000
tal-21 ta' Diċembru 1999
li jemenda Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn ċerti pajjiżi terzi mhux koperti bi ftehim, protokolli jew arranġamenti oħra bilaterali, jew b'regoli oħra speċifiċi Komunitarji fuq l-importazzjoni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 [1], u b'mod partikolari l-Annessi IIIB u VI tiegħu, jistabbilixxu l-limiti kwantitattivi ta' kull sena għal ċerti prodotti li joriġinaw fil-Bożnja-Ħerzegovina u fil-Kroazja;

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jirrigwarda l-arranġamenti li japplikaw għall-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Bożnja-Ħerzegovina, il-Kroazja u l-importazzjonijiet ta' l-inbid minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja [2] jintroduċi l-qsim tal-konċessjonijiet globali eżistenti ġewwa l-pajjiżi individwali speċifiċi għall-Bożnja-Ħerzegovina u l-Kroazja;

(3) Huwa approprjat li jiġi segwit ukoll dan l-avviċinament rigward il-prodotti tessili, u għalhekk li jinqasmu r-restrizzjonijiet kwantitattivi komuni eżistenti fil-pajjiżi individwali speċifiċi għall-Bożnja-Ħerzegovina (30 %) u għall-Kroazja (70 %) skond ix-xejriet tal-kummerċ u l-utilizzazzjoni attwali tal-limiti kwntitattivi għal dawn l-aħħar tliet snin (1996-1998), u għalhekk li jiġu emendati l-Annessi IIIB u VI mar-Regolament (KE) Nru 517/94;

(4) Il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali tat-13 ta' Settembru 1999 stieden lill-Kummissjoni sabiex teżamina t-titjib possibbli għall-miżuri korrenti;

(5) Huwa għalhekk approprjat li jiżdiedu l-livelli tal-kwoti għall-Bożnja-Ħerzegovina u l-Kroatzja, billi tittieħed bħala bażi r-rata tat-tkabbir tal-kwoti skond il-kategorija li kienet prevista fi Protokoll Supplimentari mal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Federazzjoni Soċjalista tar-Repubblika tal-Jugoslavja dwar il-kummerċ fil-prodotti tessili, konkluż bid-Deċiżjoni 90/649/KEE [3];

(6) Huwa approprjat li, f'ċerti każijiet, li l-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjonijiet jitħallew jiġu maħruġa bil-mezzi elettroniċi;

(7) Il-livelli tal-kwoti għall-Kategorija 6 għas-sena 1999 għall-Bożnja-Ħerzegovina u l-Kroazja għandhom jiġi miżjuda sabiex jassorbu ċerti talbiet pendenti ta' importazzjonijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IIIB u VI mar-Regolament (KE) Nru 517/94 għandhom jiġu mibdula bl-Annessi I u II risepettivament dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 21

"4. L-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjonijiet jistgħu jinħarġu bil-mezzi elettroniċi fuq it-talba ta' l-importatur interessat. Fuq it-talba innotivata kif mistħoqq minn dan l-importatur, u sakemm jitħares il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, awtorizzazzjoni għall-importazzjoni maħruġa bil-mezzi elettroniċi tista' tiġi mibdula b'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni fl-għamla tal-karta mill-awtorità kompetenti ta' l-istess Stat Mmbru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni oriġinali għall-importazzjoni. Madankollu, din l-awtorità għandha toħroġ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni biss, bi-għamla miktuba wara li tkun żgurat illi ġiet ikkanċellaa l-awtorizzazzjoni bil-mezzi elettroniċi.

Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 25(1), (2) u (3), tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex timplimenta dan il-paragrafu."

Artikolu 3

Sabiex jiġu akkommodati ċerti talbiet addizzjonali għall-awtorizzazzjonijiet ta' l-importazzjoni magħmula fs-sena 1999, fl-Anness IIIB taħt "ir-Repubbliki tal-Bożnja-Ħerzegovina u l-Kroazja", taħt il-Kategorija 6 "il-Kwantità", iċ-ċifra "1 415" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "1 465".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Madankollu, l-Artikolu I għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2000, u l-Artikolu 2 għandu jibda japplika b'effett mill-20 ta' Diċembru 1999.

---

[1] ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, pġ. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1457/97 (ĠU L 199, tas-26.7.1997, pġ. 6.

[2] Ara pġ. 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[3] ĠU L 352, tal-15.12.1990, pġ. 120.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HALONEN

ANNESS I

"ANNESS IIIB

Il-limiti kwantitattivi Komunitarji ta' kull sena riferiti fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2(1)

Ir-Repubblika tal-Bożnja-Ħerzegovina

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
1	tunnellati metriċi	2 123,5
2	tunnellati metriċi	2 627,6
2a.	tunnellati metriċi	593,8
3	tunnellati metriċi	293,1
5	1 000 biċċa	757,4
6	1 000 biċċa	445,7
7	1 000 biċċa	257,3
8	1 000 biċċa	831,2
9	tunnellati metriċi	278,6
15	1 000 biċċa	245,7
16	1 000 biċċa	183,0
67	1 000 biċċa	229,6

Ir-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
1	tunnellati metriċi	4 954,9
2	tunnellati metriċi	6 131,0
2a.	tunnellati metriċi	1 385,5
3	tunnellati metriċi	684,0
5	1 000 biċċa	1 767,3
6	1 000 biċċa	1 040,0
7	1 000 biċċa	600,4
8	1 000 biċċa	1 939,4
9	tunnellati metriċi	650,1
15	1 000 biċċa	573,4
16	1 000 biċċa	427,1
67	1 000 biċċa	535,7

Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro)

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
1	tunnellati metriċi	2 309
2	tunnellati metriċi	2 848
2a.	tunnellati metriċi	644
3	tunnellati metriċi	312
5	1 000 biċċa	662
6	1 000 biċċa	349
7	1 000 biċċa	201
8	1 000 biċċa	888
9	tunnellati metriċi	292
15	1 000 biċċa	257
16	1 000 biċċa	192
67	1 000 biċċa	241"

ANNESS II

"ANNESS VI

IT-TRAFFIKU TAL-PROĊESSAR LEJN L-ESTERN

Il-limiti kwantitattivi Komunitarji ta' kull sena riferiti fl-Artikolu 4

Ir-Repubblika tal-Bożnja-Ħerzegovina

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
5	1 000 biċċa	1 544,0
6	1 000 biċċa	3 465,3
7	1 000 biċċa	2 138,0
8	1 000 biċċa	4 040,4
15	1 000 biċċa	1 895,2
16	1 000 biċċa	1 040,5

Ir-Repubblika tal-Kroazja

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
5	1 000 biċċa	3 602,6
6	1 000 biċċa	8 085,6
7	1 000 biċċa	4 988,7
8	1 000 biċċa	9 427,6
15	1 000 biċċa	4 422,1
16	1 000 biċċa	2 427,9

Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro)

Il-Kategorija	L-Unità	Il-Kwantità
5	1 000 biċċa	1 231
6	1 000 biċċa	3 585
7	1 000 biċċa	1 832
8	1 000 biċċa	4 296
15	1 000 biċċa	1 914
16	1 000 biċċa	1 061"